

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tad-dipartimenti tal-OLAF li tirrifjuta lir-rikorrent l-għoti ta' leave għal servizz nazzjonali skont l-Artikolu 18 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg.

Talbiet tar-rikorrent

- Tannulla d-deċiżjoni tal-21 ta' April 2010 tad-dipartimenti tal-OLAF li tirrifjuta lir-rikorrent l-għoti ta' leave għal servizz nazzjonali minkejja sejħa mill-ġdid mill-Guardia di Finanza tal-24 ta' Frar 2010;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Settembru 2010 dwar iċ-ċaħda tal-ilment tar-rikorrent parzjalment għal raġunijiet li ma humiex dawk invokati fid-deċiżjoni kkontestata tas-27 ta' April 2010;
- konsegwentement għal dawn l-annullamenti, tqiegħed lir-rikorrent f'pożizzjoni ta' leave għal servizz nazzjonali mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Ġunju 2010 inklużi;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2010 — Heath vs BĊE

(Kawża F-121/10)

(2011/C 30/133)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Michael Heath (Southampton, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Bank Ċentrali Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-dikjarazzjonijiet tal-pensjoni tar-rikorrent għax-xahar ta' Jannar 2010 u tax-xhur segwenti, sa fejn dawn japplikaw żieda fil-pensjoni ta' 0,6 % wara eżerċizzju ta' aġġustament tal-pensjonijiet għall-2010, u l-kumpens għad-dannu subit mir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-dikjarazzjoni tas-salarju ta' Jannar 2010 u tax-xhur segwenti sa fejn din tapplika żieda fil-pensjoni ta'

0,6 %, sabiex tapplika żieda ta' 2,1 % ikkalkolata skont GSA regolari;

- sa fejn ikun meħtieġ, tannulla d-deċiżjonijiet ta' ċaħda tat-talbiet għal reżami u tal-ilmenti mressqa mir-rikorrenti, deċiżjonijiet bid-dati rispettivament tal-11 ta' Mejju 2010 u tad-9 ta' Settembru 2010;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-differenza bejn iż-żieda fil-pensjoni ta' 0,6 % mogħtija illegalment lir-rikorrent sa minn Jannar 2010 u dik ta' 2,1 % li kellu jkollu dritt għaliha, jiġifieri żieda fil-paga ta' 1,5 % fix-xahar sa minn Jannar 2010. Dawn l-ammonti għandhom jitħallsu bl-interessi mill-iskadenza rispettiva sal-ġurnata tal-ħlas effettiv, ikkalkolati abbażi ta' rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rfinanzjament, applikabbli matul il-perijodu kkonċernat, miżjuda b'żewġ punti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' EUR 5 000, għall-ħlas ta' dannu materjali tar-rikorrent li jirriżulta mit-telf tal-kapaċità ta' akkwist tiegħu;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' EUR 5 000, ikkalkolati *ex aequo et bono* bħala kumpens għad-danni morali;

- tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2010 — Bancale u Buccheri vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-123/10)

(2011/C 30/134)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Giovanni Bancale (Waterloo, il-Belġju) u Roberto Buccheri (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Għażla COM/INT/OLAF/09/AD8 u COM/INT/OLAF/09/AD10 li r-rikorrenti ma jiġux ammessi għall-kompetizzjoni.